MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 918/2003/1

**Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti**

**v.**

**Baggitt Enterprises Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Settembru, 2003 l-atturi ppremettew illi s-socjeta` konvenuta kienet ottjeniet kontra l-atturi sentenza fl-ismijiet "Baggitt Enterprises Limited v. Jeffrey Chetcuti

u Glenn Chetcuti” (Citazz. Nru. 1423/01JRM) deciza fil-15 ta’ April, 2002; illi dina l-kawza kienet giet deciza a bazi ta’ referenza li kienet saret minn rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta, ta’ ftehim bejn l-atturi u l-istess socjeta` konvenuta datat 25 ta’ Ottubru 1999; illi l-atturi, kienu baqghu kontumaci fil-kawza fuq indikata u ma kienux segwew l-istess proceduri u dana peress li minkejja li validament notifikati, l-atturi qatt ma kien wasal ghandhom l-inkartament ta’ l-atti b’mod illi huma lanqas biss kienu jafu li kien hemm kawza pendenti; illi x-xhieda moghtija minn John Chetcuti fil-kawza fuq indikata ma kenitx wahda veritiera u l-istess xhud in rapprezentanza tas-socjeta` hawn konvenuta kien qal li l-atturi kienu kisru l-kundizzjoni tal-ftehim li jirregola n-negozju taghhom, meta dan ma kienx minnu kif kien ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-istess xhud John Chetcuti fil-kawza fuq indikata in rapprezentanza tas-socjeta` hawn konvenuta kien xehed li s-socjeta` minnu rapprezentata kienet garrbet danni minhabba l-allegat agir ta’ l-atturi, meta fil-fatt ma kienet giet sofferta ebda forma ta’ danni, u ghalhekk anke din il-parti tax-xhieda ta’ dana l-uniku xhud fil-kawza msemmija, kienet falza; illi konsegwentement kellu jirrizulta li x-xhieda moghtija mill-atturi f’dik il-kawza kienet falza. Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li x-xhieda moghtija minn John Chetcuti in rapprezentanza tas-socjeta` Baggitt Enterprises Limited fil-kawza “Baggitt Enterprises Limited v. Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti” (Citazz. Nru. 1423/01JRM) deciza fil-15 ta’ April 2002 hija wahda falza.

Bl-ispejjez u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-3 ta’ Dicembru, 2004 is-socjeta` konvenuta eccepiet:

“1. Illi, in linea preliminari fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, it-talbiet ta’ l-atturi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti stante li s-socjeta` konvenuta ma kenitx legittima kontradittrici ghaliex minhabba n-natura tal-personalita` guridika taghha ma setghetx taghti xhieda, izjed u izjed falza kif allegat.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xhieda moghtija minn John Chetcuti in rapprezentanza tas-socjeta` Baggitt Enterprises Limited kienet diga giet ritenuta veritiera u affidabbli minn din l-istess Qorti fil-kawza deciza minnha fil-15 ta’ April 2002 fl-ismijiet Baggitt Enterprises Limited vs Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti (Citazzjoni numru 1423/01JRM).

“3. Illi minkejja li l-atturi kellhom kull dritt u opportunita` li jressqu l-provi taghhom fil-kawza gja msemmija naqsu li jaghmlu dan.

“4. Illi minkejja li l-atturi kellhom kull dritt u opportunita` li jressqu appell kontra s-sentenza gja citata u jgibu l-prezenti allegazzjonijiet quddiem il-Qorti kompetenti dawn kienu naqsu li jaghmlu dan fit-termini permessi mil-ligi.

“5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` konvenuta kellha tigi liberata ab oservanda judici (sic!) u fil-konfront tar-rappresentant taghha John Chetcuti din il-Qorti kellha tichad it-talba ta’ l-atturi.

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-9 ta’ Frar, 2006 fejn ikkonkludiet hekk:
“*B’referenza ghall-ewwel eccezzjoni li s-socjeta` ghandha personalita` guridika ma tistax taghti xhieda falza jinghad li hu ovvju li l-atturi ma kienux qed jirreferu direttament ghas-socjeta` izda ghad-diretturi taghha u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.*

*“B’riferenza ghat-tieni eccezzjoni din qed tigi milqugha u dan minhabba li ghalkemm il-procedura uzata mill-atturi hija legalment wahda korretta ma giex ippruvat il-falsita` ta’ dak li wassal lill-Qorti l-ohra fil-kawza 1423/01.*

*“Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba attrici.*

*"Spejjez kontra l-atturi."*

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat

"C. PROVI:

"Rat illi gie allegat il-process numru 1423/01JRM deciz fil-15 ta' April, 2002.

"Gie prezentat affidavit ta' Jeffrey Chetcuti li fih intqal li hu u huh Glenn Chetcuti jmexxu flimkien is-socjeta` kummercjali Baggit Shoe Boutique u din mhux registrata mal-MFSA. Fost il-kundizzjonijiet kien hemm li jridu jaghmlu ordni annwali minima ta' Lm15,000, u kien hemm ftehim li l-ordnijiet taghhom jaslu fi zmien stipulat. Huma ma setghux jaghmlu ordni minghand il-principali esteri tas-socjeta` konvenuti. Jekk xi kundizzjoni tal-ftehim tigi miksura min jikser dik il-kundizzjoni kellu jhallas penali ta' Lm10,000 wara li l-kwistjoni tkun diskussa f'arbitragg jew quddiem il-Qorti. Zied jghid li huma ma kienux jafu bil-kawza numru 142/02JRM ghax zijuhom Manwel Chetcuti li kien ircieva n-notifika qatt ma qalilhom biha, u huma saru jafu bil-kawza meta kien mar il-marixxall biex jezegwixxi l-mandat ta' qbid numru 222/03. Sussegwentement kienu rcevew korrispondenza minghand is-socjeta` Lanstraust li fiha kien hemm indikat li huma debituri tas-socjeta` konvenut. Kompla jghid li John Chetcuti kien qed jixhed falz. Sostna li bejn l-1999 u l-2002 huma ghamlu ordnijiet ghall-ammont totali ta' Lm109,283.07 u dawn kienu jissuperaw l-ordni minima, waqt li fix-xhieda tieghu a fol 30 Dokument "JC2" John Chetcuti kien qal "illi fl-istess klawsola l-konvenuti obbligaw ruhhom li jaghmlu ordnijiet minghand is-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm15,000. Illi fil-fatt il-konvenuti naqsu milli jonoraw l-obbligi taghhom hawn fuq imsemmija". Irrefera ghall-ittra datata 7 ta' Ottubru 2002 Dokument "JC3" fejn jinghad li "you have consistently met the minimum order levels set out in the existing agreement." Qal li kienu kkomunikaw mal-principali esteri ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet riedet li tittrasferixxi l-

esklussivita` ta' dawn is-socjetajiet lilhom. Qal li huma kienu kkomunikaw mal-principali biex jaraw jistghux jiehdu d-ditta huma.

"Gie prezentat affidavit ta' Glenn Chetcuti li fih issemma li hu jiggestixxi l-hanut Baggit Shoe Boutique flimkien ma' huh Jeffrey Chetcuti. Ra l-affidavit ta' huh u kkonferma dak kollu li qal huh fl-affidavit tieghu.

"KUNSIDERAZZJONIJIET:

"Fil-kawza odjerna l-atturi qeghdin isostnu li huma ma kienux jafu bil-kawza 1423/01JRM fl-ismijiet inversi liema kawza giet deciza fil-15 ta' April 2002. Irrizulta li Jeffrey u Glenn Chetcuti kienu kontumaci f'dik il-kawza izda li kienu validament notifikati u sostnew li l-inkartament ma kienx wasal ghandhom u ma kienux jafu bil-kawza. Sostnew li x-xhieda moghtija minn John Chetcuti ma kenitx veritjiera u li wasslet biex il-kawza giet deciza kontra taghhom u li x-xhieda moghtija minn John Chetcuti f'dik il-kawza hija falza u talbu dikjarazzjoni fil-kawza odjerna f'dan is-sens. Ghal kull buon fini jigi ccarat li f'dik il-kawza l-atturi odjerni kienu kontumaci, ma sarx appell, u anqas ebda talba ta' ritrattazzjoni. L-istess konsulent legali ta' l-atturi fil-kawza odjerna jippuntwalizza li l-procedura odjerna ma hix dik ta' ritrattazzjoni izda pre-ordinata ghall-kawza ta' ritrattazzjoni bazata fuq l-artikolu 811 tal-Kap 12 li fl-ewwel parti tieghu jipprovdi li tista' tintalab ritrattazzjoni ta' kawza meta sentenza tkun giet deciza fuq provi li b'sentenza ohra sussegwenti jkunu gew dikjarati foloz. Dan wassal biex l-atturi odjerni qabel ma jintavolaw kawza ta' ritrattazzjoni qed jittentaw jistabbilixxu falsita` tal-provi fil-kawza 1423/01. In kwantu dan il-procedura uzata hija certament wahda korretta.

"Elementi essenzjali biex tirnexxi din il-kawza huma:

1. il-falsita` tal-provi
2. sentenza sussegwenti li tiddikjara l-falsita` tal-provi

“Illi kif gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **Dottor Filippo Nicolo Buttigieg nomine vs Angelo Grima,** Appell Kummercjali, deciz fit-12 ta’ Ottubru 1931, illi:

“e` lecito al soccombente in un giudizio deciso in modo definitivo, di intentarne un altro per ottenere la dichiarazione d’essere false le prove sulle quali la Corte si fosse basata nell’ emettere il suo pronunciamento. Per darsi la ritrattazione sul motivo di falsita` delle prove sulle quali si e` deciso, occorre che la falsita` risulti da una sentenza ‘ad hoc’, tanto di una corte civile quanto di una corte criminale, su apposita domanda non premessa od altrimenti compresa in quella per la ritrattazione.”

“Din il-procedura hija rikjesta mil-Ligi Kap 12 art 811(j) u infatti fil-kawza deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-appell Superjuri fit-22 ta’ April 2004 fl-ismijet **Herbert Baldacchino noe vs Cecil Pace et** insibu:

“… ma hux bizzejjed biex issa jitqiesu foloz illi l-konvenuti jghidu hekk, jew li jressqu xhieda ohra li ma taqbilx maghhom, aktar u aktar meta ghar-ragunijiet li gja rajna dik ix-xhieda – l-istqarrija mahlufa ta’ Nada delle Paine – ma hijiex ammissibbli f’dan l-istadju. Li kellhom jaghmlu l-konvenuti hu li, qabel ma fethu din il-kawza, jiksbu dikjarazzjoni gudizzjarja li x-xhieda moghtija mill-attur hija falza, biex hekk ikunu jistghu jitolbu ritrattazzjoni taht il-paragrafu (j) ta’ l-artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.”

“Inoltre jigi osservat li l-kelma “falz” tfisser fis-sinjifikat estiz taghha, kwalunkwe:

“soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru ottenuta bi kwalsiasi mezz. Inoltre, fil-kamp civili, b’differenza minn dak penali fejn l-element oggettiv irid ikun akkompanjat ma’ l-element soggettiv - il-falz civil huwa kkunsidrat biss mill-punto di vista ta’ l-element oggettiv tieghu, stante li fid-dritt civili m’hemmx skop li jigi traccjat reat.”

(Ara **Alfredo Mifsud vs Gaetano Azzopardi** PA Qorti Civili, 10 ta' Gunju 1949).

"Illi gie ritenut ukoll fil-gurisprudenza nostrana li biex tissusti raguni valida ghal ritrattazzjoni ta' kawza fuq il-motiv ta' falsita` ta' provi jehtieg li l-pretiza falsita` ma setghetx tigi opposta fil-gudizzju li tieghu l-parti nteressata tkun trid titlob ir-ritrattazzjoni. (Ara **Antonio Mercieca vs Francesco Grech** Appell Civili deciz fl-14 ta' Dicembru 1973). Kif ukoll, fil-kaz, **Fortunato Pisani vs Antonio Pisani** Appell Civili deciz fit-13 ta' Lulju 1942, inghad illi:

"L-awtorita` del gudicato non puo` essere scossa, neanche col rimedio straordinario di ritrattazione, per la nuova deduzione di smiglianti mezzi di difesa non dedotti nel primo giudizio……cioe` che da luogo alla ritrattazione e`, senza distinzione di persone, la difesa resa impossibile, ma non l-omissione o l'insufficjenza delle difesa."

"Principju li gie accettat mill-Qrati huwa illi:

"provi foloz, ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni, huma dawk li dolozament juru bhala veru dak li mhux veru, bhal fil-kaz ta' testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe zball ta' fatt jew ta' gudizzju li fih ikun inkorra xi xhud jew perit."

(Ara Avv. **Dr. Antonio Caruana vs Caterina Gerada** et Appell Civili, deciz fis-26 ta' Gunju 1950).

"Ara wkoll **Giuseppe Bonnici vs Incorvaja et** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 mill-Prim Awla.

"Peress li l-kaz prezenti jitratta f'gudizzju pre-ordinat ghal ritrattazzjoni, din il-Qorti jidhrilha li l-indagini taghha ghandha jkollha bhala oggett provi foloz fis-sens fuq imsemmi.

"L-atturi odjerni sostnew li fl-ewwel kawza John Chetcuti dolozament xehed il-falz ghaliex propju fl-istess perjodu fil-laqghat li kien hemm maghhom beda jigi diskuss l-oppost ta' dak li kien intqal fil-Qorti. Fil-fehma taghhom

din tikkostitwixxi xhieda falza moghtija mill-attur f’dawk il-proceduri.

“Izda l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fatti processwali, u ma sabet xejn illi jista’ jinduciha tilqa’ l-veduti ta’ l-atturi fil-kawza odjerna dwar xi allegata falsita` tax-xhieda ta’ John Chetcuti ghar-rigward ta’ dak li ntqal fix-xhieda fis-sens li l-atturi kisru l-kundizzjoni tal-ftehim li kien jirregola n-negozju taghhom, u li minhabba dan l-agir gew sofferti danni mis-socjeta` Baggit Enterprises Ltd. Issa, f’kawza ta’ din ix-xorta, huwa importanti li jigi dikjarat bi precizjoni u b’mod specifiku liema huma dawk il-provi li kellhom jitqiesu foloz, liema haga giet indikata hekk kif gie sottolineat fir-rigward tax-xhieda ta’ John Chetcuti. Dan huwa essenzjali ghaliex is-sentenza finali fil-kawza fejn tigi dikjarata l-falsita` trid isservi bhala l-bazi tal-proceduri tar-ritrattazzjoni vera u proprja. Izda, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw b’mod sodisfacenti li x-xhieda ta’ John Chetcuti kienet xhieda falza u dan specjalment bil-mod kif issemma f’**Bonnici vs Incorvaja** u **Caruana vs Gerada** fuq imsemmija. Ghalhekk, f’dan l-istadju ma jistax jigi dikjarat li s-sentenza li nghatat minn din il-Qorti diversament preseduta, giet ottenuta fuq provi foloz.

“F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi dak li gie ribadit mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Joseph Zammit vs Carmelo Dingli** et fid-9 ta’ Mejju 2005, li kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u ntqal hekk:

“Kif il-Qorti ta’ L-Appell irriteniet fis-sentenza **Darmenia vs L-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier** deciza fit-18 ta’ Frar 1966: “is-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li mhumiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta’ semplici dikjarazzjoni li tista’ tkun preordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista’ jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhux ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax.

“Konsegwentement, id-dikjarazzjoni li talab l-attur appellant fic-citazzjoni tieghu tista’ tigi kkunsidrata biss jekk il-Qorti tkun perswaza li jekk jottjeni din id-

dikjarazzjoni, tali dikjarazzjoni tkun tista' tifforma l-bazi ghal proceduri ohra, cioe` ghall-proceduri ta' ritrattazzjoni."

"Dan il-principju gie ribadit ukoll f'kawzi ohra moghtija mill-Onor. Qorti ta' l-Appell. (Ara **Dr. Biagio Giuffrida vs Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier** deciza fit-3 ta' Marzu 1967, u **Ignazio Gatt vs Michael Debono et** deciza fit-12 ta' Dicembru 1983.

"Huwa risaput li jekk fl-ewwel proceduri l-atturi ma kienux irribattew il-provi li ngiebu mill-kontroparti, u li kienu jirrispekkjaw il-verita` f'dak il-mument, "allora non e` lecito di riaprire la trattazione della causa e di produrre controprove per abbattere l'efficacia probatoria e raggiungere risultati e conseguenze diversi da qelli ai quali addiviene il tribunale d'appello nei suoi pronunciamenti." (Ara **Dottor Filippo Nicolo Buttigieg nomine et vs Angelo Grima** Appell Kummercjali tat-12 ta' Ottubru 1931). "Kieku ma kellux jigi ritenut hekk, kien ikun facli hafna, ghal kull parti f'kawza li tipprova tissoverti s-sentenzi li jkunu ghaddew f'gudikat , b'mod illi l-principju ta' l-istabilita` tal-gudikati kien jista' jigi eluz." (Ara **Androcles Scicluna vs John Caruana et** Appell Civili tal-25 ta' April 1975; u **Giuseppe Bonnici et vs Leonard Incorvaja et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-3 ta' Ottubru 2003).

"Din il-Qorti sejra tirreferi fil-qasir ghal dak li qalet din il-qorti diversament presjeduta fil-kawza 1423/01 fil-konsiderazzjonijiet taghha. Semmiet li:

"f'kaz ta' ksur "materjali" min-naha ta' l-operaturi, il-kumpanija attrici setghet twaqqaf il-ftehim wara li taghti avviz lill-imharrkin…

"Illi fid-dikjarazzjoni mahlufa tieghu, John Chetcuti, f'isem il-kumpannija attrici, fisser x'kienu r-ragunijiet li ghalihom qieghed jinghad li l-imharrkin kisru l-ftehim. L-imharrkin, mid-dehra, mhux biss ma xtrawx kwantita` ta' merkanzija kemm kienu ftehmu mal-kumpannija attrici, imma jidher li ghamlu tentativi mal-fornituri barranin bil-hsieb li dawn

jibghatulhom il-merkanzija direttament lilhom u jaqbzu 'l kumpannija attrici, li l-istess imharrkin allegaw b'qerq li kienet waslet biex tfalli;

"Illi ntwera wkoll li minhabba l-ghamil ta' l-imharrkin, il-kumpannija attrici garrbet hsara billi l-fornituri barranin dahhluha fi ftehim ohrajn izjed ebsin …
"Min-naha l-ohra, l-provi li ressqet il-kumpannija attrici dwar l-ghemejjel xejn xierqa ta' l-imharrkin huma serji bizzejjed biex jikkonvincu lill-Qorti li l-imharrkin ma kienux lejali mal-patti u li riedu jdardru l-ghajn li jixorbu minnha bi hsara mhux ckejkna lill-kumpannija attrici."

"Il-kliem gie sottolinejat minn din il-Qorti kif presjeduta bl-iskop li juri bl-aktar mod car ir-ragunar tal-Qorti fil-kaz tal-kawza 1423/01 ma kienx bazat biss fuq l-ammont ta' l-ordnijiet maghmula (fejn l-atturi odjerni jsostnu li John Chetcuti xehed il-falz) izda wkoll sostanzjalment fuq it-tentattivi maghmulin minnhhom mal-forrniturri barranin biex jakkwistaw direttament merkanzija u anke fl-ahhar parti kkwotata ma ssemmiex ghemil wiehed izda ghemejjel xejn xierqa. Dan juri b'mod car ir-ragunar tal-Qorti diversament presjeduta."

**L-appell ta' l-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-28 ta' Frar, 2006, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati.

Is-socjeta` konvenuta appellata intavolat risposta fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata in toto.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-atturi, ahwa Chetcuti, qed jitolbu li jkun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li xhieda moghtija minn John Chetcuti fil-kawza fl-ismijiet "Baggitt

Enterprises Limited v. Jeffrey Chetcuti et" tigi dikjarata bhala xhieda falza. Il-proceduri imsemmija, li jgibu numru 1423/01 JRM gew determinati b'sentenza moghtija, fil-kontumacja ta' l-atturi odjerni, fil-15 ta' April, 2002.

Fil-proceduri imsemmija Citaz. Nru. 1423/01 is-socjeta\` Baggitt Enterprises Limited, filwaqt li ghamlet referenza ghal ftehim li kien hemm bejnha u l-konvenuti u cioe\` l-ahwa Chetcuti dwar bejgh ta' zraben u effetti ohra tal-gild, kienet allegat li l-istess ahwa Chetcuti kienu naqsu mill-obbligi taghhom taht l-istess ftehim u konsegwentement talbet dikjarazzjoni f'dan is-sens; talbet ukoll it-terminazzjoni tal-ftehim u l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tad-danni skond l-istess ftehim.

Kif gia\` nghad l-atturi odjerni, konvenuti f'dawk il-proceduri, kienu baqghu kontumaci u ghalhekk dik il-Qorti, wara li semghet lil John Chetcuti u ezaminat d-dokumenti ezebiti, iddecidiet favur it-talbiet attrici.

Dawn il-proceduri huma intizi sabiex, fil-kaz li t-talba attrici tigi milqugha u konsegwentement ix-xhieda ta' John Chetcuti tigi dikjarata falza, l-atturi odjerni jkunu jistghu juzufruwixxu mid-dritt moghti lilhom skond l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili billi jittentaw proceduri ta' ritrattazzjoni. F'dan is-sens jidher li s-sentenza appellata hija kostruwita.

Din il-Qorti izda hi tal-fehema li ghandha tipprexindi minn kull skop ulterjuri ta' l-atturi u tillimita ruhha ghall-kwistjoni jekk, kif jallegaw l-atturi, x-xhieda moghtija minn John Chetcuti fil-proceduri imsemmija u fuq liema xhieda strahet dik il-Qorti, kinitx veritjera – in effetti huwa dan li qed jintalab.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem ta' l-atti processwali jidher li l-atturi qed isostnu li mhux minnu dak li kien xehed John Chetcuti fil-proceduri imsemmija billi:

a) mhux minnu li huma naqsu li jordnaw merkanzija tal-valur ta’ LM15,000 fis-sena bi ksur tal-paragrafu 7.4 tal-ftehim tal-25 ta’ Ottubru, 1999, u

b) kull kuntatt li sar mal-principali barranin ma kienx bi ksur ta’ l-istess ftehim izda sar semplicement ghax, kif ighidu l-atturi odjerni, is-socjeta` Baggitt Enterprises Limited xtaqet tittrasferixxi l-esklussivita` ta’ dawn is-socjetajiet esteri lill-istess atturi odjerni.

Minn ezami ta’ l-atti processwali, jidher li dak li qed jigi allegat mill-atturi odjerni mhux konfortat bid-dokumenti ezebiti. Infatti ghal dak li huma ordnijiet maghmula, ghalkemm fis-sottomissjonijiet u anke xiehda jinghad li bejn l-1999 u l-2002 saru ordnijiet tal-valur ta’ LM109,283.07, l-uniku dokument li gie ezebit fir-rigward huwa *proforma invoice* tal-15 ta’ April, 2001 u cioe` ftit xhur qabel ma giet intavolata l-kawza Citaz. Numru 1423/01, li jirriferi ghall-ordni wahda ta’ LM11,037.36. Ma ingiebet ebda prova ohra dwar ordnijiet ulterjuri biex jintwera li ma kienx hemm nuqqas da parti ta’ l-atturi odjerni a tenur tal-klawsola 7.4 tal-ftehim tal-25 ta’ Ottubru, 1999.

L-atturi odjerni, in sostenn ta’ l-allegazzjoni taghhom, jaghmlu referenza ghall-ittra ta’ John Chetcuti tas-7 ta’ Ottubru, 2002 mibghuta lilhom fejn, fost affarijiet ohra hemm dikjarat minn John Chetcuti “*you have consistently met the minimum order levels set out in the existing agreement*.” Dwar dan jinghad fl-ewwel lok li l-iskop ta’ dik l-ittra kien principalment biex l-atturi odjerni jerggħu jgeddu l-ftehim skond kif originarjament formulat u mhux kif kienu qed jissuggerixxu l-istess atturi, u fit-tieni lok jigi osservat li l-ittra msemmija ggib data ferm wara ta’ meta kien xehed John Chetcuti fil-proceduri msemmija u sahansitra zmien wara li nghatat is-sentenza tal-15 ta’ April, 2002.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jidhirx gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-allegat ksur tal-ftehim da parti ta’ l-atturi odjerni billi dawn ikkomunikaw direttament mas-socjeta` estera, jidher li dak li qed jinghad issa ma ghandux mis-sewwa. Infatti giet ezebita kopja ta’ ittra datata 29 ta’ Mejju, 2001 mibghuta mill-atturi odjerni lil Export Department tas-socjeta` Gabor Shoes AG, liema ittra intbghatet disa’ tiliem biss wara li inharget il-*proform invoice* hawn fuq imsemmija, fejn l-istess atturi odjerni jilmentaw mis-servizz moghti mis-socjeta` konvenuta u jkomplu hekk: “*In the circumstances, we are attaching a copy of the order and propose that you furnish us with the relevant proforma invoice, which should include a 5% commission for Baggitt Enterprises Limited*”. Minn dan jidher li, kif kien originarjament xhed John Chetcuti fil-proceduri 1423/01, “*il-konvenuti, permezz ta’ impjegati taghhom, ghamlu kuntatti mas-socjeta` barranija li minghandha tixtri s-socjeta` attrici…*”

Dan l-aggravju ghalhekk ukoll ma jidhirx gustifikat u ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li taqbel mad-decizjoni appellata, tiddikjara li l-atturi odjerni naqsu li jaghmlu l-prova tal-falsita` tax-xhieda ta’ John Chetcuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mill-atturi Jeffrey u Glenn Chetcuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza ghall-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------